MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Numru 48/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Mercieca ta’ 50 sena, bin Anthony u Racheal nee’ Gatt, imwieled b’Kara nhar il-14 ta’ Mejju 1963, residenti fil-fond numru 34, Triq Santa Maria, Sqaq numru 2, Victoria u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 298663(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Mercieca li gie akkuzat talli nhar is-17 ta’ Mejju 2010 gewwa l-fond 34, Triq Santa Maria, Sqaq numru 2, Victoria u/jew f’lokalitajiet ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli,

a) kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta'l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti f'dina l-kawza jirrizulta illi fil-pussess ta'l-imputat instabet arma tan-nar konsistenti f'revolver tal-marka Enfield No.2 MK1 R.A.F[1]. L-imputat ighid illi dina l-arma tan-nar kien xtraha meta kellu tmintax-il sena u kien irregistraha mal-pulizija madwar tletin sena ilu. Madankollu mix-xhieda ta' PS369, Joseph Mizzi, rapprezentant tal-Ufficcju tal-Licenzji gewwa Ghawdex jirrizulta illi dina l-arma tan-nar qatt ma giet irregistrata mill-imputat u ghalhekk huwa ma jippossjedi l-ebda licenzja ghaliha. Is-surgent ezebixxa ukoll kopja tal-file relattiva f'isem l-imputat u minn ezami li ghamlet il-Qorti ta' dana il-file jirrizulta illi f'isem l-imputat hemm licenzja biss fir-rigward ta' arma tan-nar rifle tal-marka Winchester u harpoon gun.[2]

Illi ghalkemm id-difiza ma tikkontestax il-fatt illi dina l-arma tan-nar tappartjeni lill-imputat, madanakollu tressaq bhala difiza legali il-fatt illi l-imputat gie akkuzat taht disposizzjoni tal-ligi zbaljata u dana billi l-akkuza tirreferi specifikament ghall-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar licenzji ghall-armi tan-nar li jaqghu taht l-Iskeda II ta'l-istess ligi. Id-difiza issostni illi l-arma tan-nar mertu ta' dina

[1] Dokument G.
[2] Ara Dokument E a fol.11 u Dokument JM a ol 18 et seq.

l-kawza ma taqax taht dawk l-armi tan-nar specifikati f’dina l-iskeda billi din hija arma tan-nar antika u kwindi ghandu japplika l-artikolu 11 ta’l-Att.

Illi biex tirrisolvi dana il-kwezit, l-Qorti hatret bhala espert tal-ballistika lill-Brigadier Maurice Calleja li fir-rapport tieghu ighid illi wara li ezamina l-arma tan-nar esebieta in atti:
“Huwa sab li din kienet revolver tal-marka Enfield u li kienet imqassma lill-militari tar-Royal Air Force. Dana ir-revolver li ghandu numru ta’ registrazzjoni 4818, ghandu kalibru ta’ .38 u jiehu sitt balal fir-romblu. Huwa tat-tip Double Action li jispara jew permezz li tigi applikata pressjoni fuq il-grillu jew inkella billi jingibed il-martell lura u wara jinghafas il-grillu. Dawn iz-zewg sistemi ghadhom jahdmu sew.

Dan ir-revolver ghandu l-*Grips* neqsin u ghaldaqstant fl-istat li hu, forsi huwa xi daqsxejn skomdu biex jigi sparat ghaliex wiehed ma jkunx jista’ jzommu sew.[3]”

Illi meta imbaghad l-espert jixhed in kontro-ezami u jigi mistoqsi mid-difiza jekk dina l-arma tan-nar hijiex wahda antika, huwa iwiegeb:

“Iva. Dan ir-revolver gie immannifatturat qabel l-ahhar gwerra; qabel in-nineteen thirty nine (1939). … Forsi qabel, ftit snin qabel. Em, u dan it-tip ta’ revolver peress li kien immannifatturat qabel in-nineteen forty-five (1945) jaqa taht schedule two(2), jigifieri dan jista’ jkollu ammont kemm irid, revolvers ta’ armi tan-nar ta’ – jaqghu taht schedule two(2) – pero’ xorta jirrikjedu licenzja tal-pulizija. … Iva, ghal dan il-ghan arma antika dik.”[4]

Ikkunsidrat,

[3] Ara rapport a fol.48
[4] Ara xhieda tal-Brigadier Maurice Calleja a fols. 63 u 64

Illi l-ligi taghti definizzjoni ta’ dak li jikkostitwixxi arma antika fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 480 li jiddisponi testwalment:

"arma antika" tfisser kull arma regolari manifatturata qabel l-1 ta’ Jannar, 1946 jew dik is-sena li tiġi aktar tard skont ma l-Ministru jista’ minn żmien għal żmien jistabbilixxi”.

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht id-disposizzjoni generali ta’l-artikolu 5 tal-Att li jiddisponi illi:

“Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f’xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att. Kap. 37.”

Illi l-artikolu 11 li ghalih taghmel referenza id-difiza jitkellem dwar il-licenzja tal-kollettur ta’ armi antiki, artistici, storici jew rari u jiddisponi:

“Ħadd ma jista’ jkollu **<u>għal finijiet ta’ kollezzjoni</u>** xi arma tan-nar jew armi regolari li jkunu antiki, artistiċi, storiċi jew rari, sew jekk dawn jitqiesu jew ma jitqisux bħala arma tan-nar jew arma projbita taħt l-Iskeda I, kemm-il darba ma jkollux il-liċenza meħtieġa.”

Illi bir-rispett kollu lejn id-difiza, l-imputat ma ressaq l-ebda prova li l-iskop ghaz-zamma ta’ dina l-arma tan-nar hija unikament ghal finijiet ta’ kollezzjoni kif tindika il-ligi espressament f’dina id-disposizzjoni. L-ghan tal-legislatur kien illi armi tan-nar li ma jintuzawx hlief ghall-iskop li jigu kkonservati minhabba il-valur storiku u artistiku taghhom jew minhabba l-fatt li huma rari, ghandhom ikollhom licenzja specifikata ghal dana il-ghan.

Illi f’dana ir-rigward ir-Regolament tal-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02 jiddisponi:

“Kull min **ikollu ħsieb jagħmel kollezzjoni ta’ armi** u ta’ munizzjon għandu japplika għand il-Kummissarju għal

liċenza taħt dan ir-regolament li tissejjaħ "Liċenza ta' Kollettur A."

Ir-regolamenti jitkellmu ukoll dwar il-Licenzja ta' Kollettur B fir-regolament 10 li jiddisponi:

(1) Kull min, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-Att -
(a) ikollu fil-pussess tiegħu liċenza "biex iżomm" taħt l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza, u
(b) jkun irid iżomm l-armi li jaqgħu taħt il-liċenza bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw taħt dik il-liċenza, jista' japplika għand il-Kummissarju għal liċenza taħt din it-Taqsima, li tissejjaħ "Liċenza ta' Kollettur B", u dik il-liċenza għandha tiġi mogħtija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità oħra. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 11 m'għandhomx japplikaw għal applikazzjoni li ssir taħt dan il-paragrafu.

Mill-provi jirrizulta illi dan l-imputat ma ghamlux u kwindi lanqas jista' jaqa' taht id-definizzjoni ta' Kollettur B..

Illi mir-rapport ta'l-espert ballistiku, ghalkemm huwa minnu illi l-arma tan-nar mertu tal-kawza hija arma antika, madanakollu jidher illi ghadha wahda funzjonabbli. L-espert stess isostni fix-xhieda tieghu illi dina taqa' xorta wahda taht l-Iskeda II u kwindi hemm in-necessita' li wiehed jikseb licenzja minn ghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi mill-atti jirrizulta illi dina l-licenzja ma tezistiex, kif diga inghad. Illi ma hemmx provi lanqas fl-atti x'inhu l-ghan illi ghalih l-imputat kien qieghed izzomm dina l-arma u cioe' jekk huwiex sabiex jikkollezzjonaha jew inkella sabiex juzaha. Kwindi fin-nuqqas ta' dina l-prova l-Qorti hija tal-fehma illi id-difiza sollevata mill-imputat ma tistax tintlaqa' u il-fattispecje ta' dana il-kaz jaqghu allura taht id-disposizzjoni generali tal-ligi u cioe' l-artikolu 5 ta'l-Att li tahtu l-imputat qed jigi akkuzat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' €700.

Finalment il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument G u taghmel rakkomandazzjoni illi din tigi ippreservata u ikkonservata f'xi muzew lokali appozitu minhabba illi hija arma antika.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------